# Caravaggio u San Franġisk

Thomas Calleja



*Caravaggio*
*(1573-1610)*

Malli nisimgħu b'Caravaggio aħna l-Maltin u l-Għawdxin dritt jiġuna f'moħħna l-opri tiegħu miżmuma fil-konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt; dik ta' *Il-qtugħ ir-ras tal-Battista*, l-akbar xogħol ta' Caravaggio, li tinsab fl-oratorju, kif tidħol il-konkatridral fuq il-lemin. U dik ta' *San Ġlormu*, li oriġinarjment kienet fin-navata tax-xellug ta' l-istess katidral, u li issa tinsab esposta fl-oratorju flimkien ma' l-oħra. Bla dubju dawn huma tnejn minn għadd ta' kapulavuri ta' dan il-ġenju Taljan, li bit-teknika tiegħu rnexxielu jżewweġ il-kuluri ċari u skuri, l-hekk imsejjaħ *chiaroscuro*, u ġieb rivoluzzjoni fl-arti ta' żmienu.

**Artist ta' fama**

Nistħajjel li ftit jafu li Caravaggio m'hux ismu imma huwa l-isem tal-post fejn twieled l-artist fit-28 ta' Settembru 1573. L-isem mogħti lit-tfajjel fil-fonti tal-magħmudija kien Michelangelo Merisi. Iżda baqa' dejjem magħruf bl-isem tal-post fejn trabba. Ta' ħdax-il sena safa ltim mill-ġenituri tiegħu u ngħabar bħala apprentist tal-pittur Simone Peterzano minn Milan. Bejn l-1588 u l-1592 Caravaggio mar Ruma u ħadem ma' pittur anqas magħruf. Madankollu f'dan iż-żmien iż-żagħżugħ Caravaggio beda jpitter u jbigħ il-kwadri tiegħu. Fl-et ta' 24 sena kien imqabbad biex ipitter xi kwadri fil-knisja ta' San Luigi dei Francesi. Kien f'dawn il-kwadri mill-ħajja ta' San Mattew li beda jidher il-ġenju tiegħu, li jgħaqqad flimkien in-natura realistika u dik drammatika b'taħlita ta' dwal u dellijiet.

Minkejja l-kritika li kien qed ikollu, il-fama tiegħu bdiet tiżdied; bdiet tiżdied ukoll l-għira għalih, kif bdiet ukoll tiżdied il-ħajja mqallba u avventuruża tiegħu. F'Ruma Caravaggio fettilha mal-liġi u spiċċa mhux darba jew tnejn maqful il-ħabs. Kemm-il darba ġie fl-idejn u darba minnhom spiċċa biex qatel wieħed fuq kwistjoni li qamet waqt logħba *tennis*. Wara dan Caravaggio ħarab mill-belt ta' Ruma u beda jiġri minn naħa għal oħra biex jistaħba. Wasal f'Napli lejn il-bidu ta' l-1607. Sakemm kien qed jistenna l-maħfra mingħand il-papa taha mill-ġdid għall-pittura. Jingħad li l-isfond skur tan-natura fil-kwadri tiegħu hu espressjoni ta' l-istat iddisprat tal-moħħ li kien għaddej minnu.

**Caravaggio f'Malta**

Kien f'dan iż-żmien li Caravaggio rifes ix-xtut ta' Malta. F'Malta kien milqugħ bħala artist magħruf. U malajr tħabbeb mal-granmastru Alofju Wignacourt, li qabbdu jippitter ritratti tiegħu fuq il-tila. Kemm dam Malta Caravaggio pitter il-kwadru ta' *San Ġlormu* (117 b'157ċm) fl-1607 u s-sena ta' wara, fl-1608, dak ta' *Il-qtugħ ir-ras tal-Battista*. Dan il-kwadru huwa l-akbar fost il-kwadri kollha tal-pittur, 361 b'520ċm. Naħseb niftakru li l-kwadru ta' *San Ġlormu* għadda minn avventura meta nsteraq matul il-lejl minn San Ġwann, il-Belt, u b'xorti tajba l-pulizija Maltija sabitu fil-ħin qalb balla ta' drapp qabel ma kien sa jintbagħat barra minn Malta. Il-kwadru tal-Battista ħalla x-xtut Maltin f'Ġunju ta' l-1996 għal xogħol ta' restawr fl-*Opificio delle Pietre Dure* ta' Firenze. U reġa' lura u tqiegħed mill-ġdid fil-post f'Ġunju 1999. Ħaġa interessanti li f'dan il-kwadru Caravaggio ħalla l-firma tiegħu taħt fejn hemm id-demm ħiereġ minn għonq il-qaddis. F'Malta Caravaggio pitter ukoll is-*Sleeping cupid*, li llum jinsab bħala parti mill-kollezzjoni tal-*Galleria*



**San Franġisk**
1606, Żejt fuq it-tila, 130 b'190ċm
*Pinacoteca,* Cremona



**San Franġisk f'estasi**
1594-1595, Żejt fuq it-tila, 92.5 b'127.8cm
*Wadsworth Atheneum*, Hartfort, Connecticut



**San Ġlormu**
1607, Żejt fuq it-tila, 117 x 157 ċm
San Ġwann, Valletta

*Palatina* f'*Palazzo Pitti*, Firenze.

Kemm dam Malta lil Caravaggio għamluh kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann. Imma kellu mill-ġdid xi kwistjonijiet u spiċċa l-ħabs, minfejn ħarab u bl-għajnuna ta' xi ħbieb salpa lejn Sqallija. Wara li kiseb il-maħfra tal-papa waqt li kien Porto Ercole, fit-Toscana, Caravaggio kien arrestat bi żball. Sakemm dam arrestat id-dgħajsa li fuqha kellu ħwejġu salpat u telqet mingħajru. Bl-isfortuna, l-għejja u l-mard li kien ħakmu, ħassu ħażin fuq ix-xatt u Caravaggio miet ftit jiem wara, fit-18 ta' Lulju 1610, fl-et ta' 37 sena.



**In-Natività (b'San Franġisk u San Lawrenz)**
1609, Żejt fuq it-tila, 268 b'197ċm
San Lorenzo, Palermo, (illum mitluf)



**San Franġisk**
1606, Żejt fuq it-tila, 125 bi 93ċm
*Galleria Nazionale d'Arte Antica,* Ruma



**Ritratt ta' Alof de Wignacourt**
1608, Żejt fuq it-tila, 118.5 b'95.5ċm
*Galleria Palatina (Palazzo Pitti),* Firenze

**Kwadri ta' San Franġisk**

Fost il-kollezzjoni ta' kwadri li ħarġu minn taħt idejn Caravaggio nsibu dawk iddedikati lil San Franġisk ta' Assisi. L-ewwel fost dawn huwa dak ta' *San Franġisk f'estasi*, impitter bejn l-1594 u l-1595. F'dan il-kwadru San Franġisk huwa mpitter mitluq ma' l-art, mitluf fit-talb, b'rasu sserraħ fuq ħoġor anġlu, li qed iżomm b'attenzjoni lill-qaddis. Hija xena mill-episodju li seħħ fuq l-għolja La Verna meta San Franġisk irċieva l-pjagi. Iżda fuq il-ġisem tal-qaddis ma jidhirx li għandu l-pjagi, la f'idejh, la f'riġlejh u lanqas fil-kustat. Hemm min jgħid li Caravaggio ried jagħti importanza aktar lill-esperjenza spiritwali milli lil dik fiżika. Fl-isfond tipiku skur ta' l-artist, tidher il-figura ta' Frate Leone, sieħeb il-qaddis, rieqed ma' xi rgħajja madwar in-nar. Kif semmejt, f'dan il-kwadru San Franġisk jidher f'qagħda mitluqa li mhux is-soltu naraw fix-xeni ta' La Verna. Fil-kwadri ta' artisti oħra bħal dawk ta' Giotto u Lorenzetti, li nisbu fil-bażilika ta' San Franġisk f'Assisi, il-qaddis jidher għarkubbtejh. F'dan il-kwadru tidher l-espressjoni ta' kif Caravaggio ried juri l-esperjenza mistika ta' San Franġisk. Dan il-kwadru biż-żejt fuq it-tila jinsab f'*Wadsworth Atheneum* ta' Hartford, f'Connecticut, l-Amerika.

Qabel il-miġja tiegħu f'Malta Caravaggio ddedika żewġ kwadri oħra lil San Franġisk, it-tnejn li huma bid-data 1606. L-ewwel wieħed fosthom iġib l-isem *San Franġisk* (130 b'190ċm), li llum qiegħed fil-Pinakoteka ta' Cremona, fl-Italja ta' fuq. F'dan il-kwadru San Franġisk huwa ppreżentat għarkubbtejh, mehdi fil-meditazzjoni. Quddiemu għandu l-Vanġelu u s-salib, żewġ elementi li, kif nafu, taw timbru lill-esperjenza spiritwali ta' San Franġisk: il-Vanġelu, li Franġisku għex bħala regola u ħajja tiegħu u dik ta' l-ordni (ara *Regola bullata*, 1); is-salib, li kien il-bidu u t-tmiem tal-*Via crucis* ta' Franġisku sakemm ġarr fil-ġisem tiegħu l-marki tal-Passjoni. Xi kritiċi, f'dan il-kwadru ta' San Franġisk bit-tikmix fuq moħħu, jaraw ritratt ta' Caravaggio nnifsu mlibbes iċ-ċoqqa Franġiskana.

It-tieni kwadru bl-isem ta' *San Franġisk* ukoll (125 bi 93ċm) qiegħed fil-*Galleria Nazionale d'Arte Antica*, f'Ruma. San Franġisk huwa ppreżentat għarkubbtejh jitlob. L-attenzjoni tal-qaddis f'dan il-kwadru m'hix qiegħda fuq il-Vanġelu, tant li l-ktieb imqaddes lanqas jidher fil-kwadru, u lanqas m'hi qiegħda fuq is-salib, għalkemm f'din il-pittura hemm is-salib. Il-ħarsa ta' San Franġisk hija fuq ir-ras tal-mewt li qiegħed iżomm f'idejh. Nafu li San Franġisk sejjaħ lill-mewt "oħtu", u fl-aħħar mumenti ta' ħajtu ddedika versett lil "oħtna l-mewt tal-ġisem, li minnha l-ebda ħaj ma jista' jaħrab", fl-*Għanja tal-ħlejjaq*.

Wara li ħarab minn Malta waqt li kien fi Sqallija, Caravaggio pitter kwadru ieħor, in-*Natività*, fil-knisja ta' San Lawrenz f'Palermo. Ix-xena prinċipali f'dan il-kwadru (268 b'195ċm) hija x-xena tal-Milied bil-Madonna u l-Bambin u b'San Lawrenz u San Franġisk fil-ġnub. Dan il-kwadru, bħal għadd ta' kwadri oħra, għadda mill-għarbiel ta' ħafna kritika: fost affarijiet oħra, minħabba li Caravaggio juri lill-Madonna b'ilbies skullat; San Lawrenz, bilkemm tintebaħ bih fuq ix-xellug, jgħidu li trid tħares lejn il-kwadru darbtejn biex tinduna bih; u San Ġużepp ma tistax tgħid liema wieħed hu qalb dawk li ġew jagħtu qima lis-Salvatur li twieled. Lanqas San Franġisk f'dan il-kwadru ma tinduna bih mill-ewwel, faċli titfixklu ma' xi wieħed mir-rgħajja. Dan kien l-aħħar kwadru tal-Caravaggio. Dan il-kwadru nsteraq mill-knisja ta' San Lawrenz f'Ottubru 1969 u sal-lum ħadd ma jaf fejn hu.

Dawn il-kwadri li tkellimna dwarhom bla dubju jorbtu l-isem ta' Caravaggio mhux biss ma' Malta iżda wkoll ma' dak ta' San Franġisk.



**Ritratt ta' Alof de Wignacourt**
1607-1608, Żejt fuq it-tila, 195 b'134ċm
*Musée du Louvre*, Pariġi



**Sleeping Cupid**
1608, Żejt fuq it-tila, 71 b'105ċm
*Galleria Palatina (Palazzo Pitti)*, Firenze



Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann Battista
1608, Żejt fuq tila, 361 b 520cm
San Ġwann, Valletta